# BENEFATTURI MFAKKRA BI XBIHATHOM

Kan. Dekan Anton Mallia Borg

Hi tassew ħaġa flokha li aħna nibqgħu nafuha lil dawk ta' qabilna li bil-għaqal u bil-ħidma tagħhom ħasbu fina biex ingawdu l-frott tal-kontribut tagħhom. Jixraq li mhux biss inkunu nafu min setgħu kienu, u x'kien is-sehem tagħhom, iżda jħajruna biex nagħmlu bħalhom, ngħożżu dak li ħallewlna u nimitawhom.

Kuljum ta' matul is-sena titqaddes quddiesa għall-benefatturi, kemm dawk li ħallewna, kif ukoll dawk li għadhom ħajjin. Hu obbligu ta' kull kapitulari li jqaddes kull meta jmissu, ċioe' kull tmintax il-ġurnata li jqaddes u japplika l-intenzjoni tal-quddiesa għall-benefatturi, kemm jekk qassisin kif ukoll lajċi. Barra l-Awla Kapitulari fis-sagristija twaħħlu portraits ta' dawn il-benefatturi, biex aħna li nidħlu hemm inkunu nafu x'kien is-sehem tagħhom. Billi ħafna mill-kitbiet ta' taħthom miktubin bil-Latin, f'dawn il-paġni qed nagħtu traduzzjoni kemm jista' jkun fidila tagħhom. Fejn ma jingħadx mod ieħor, il-pitturi huma xogħol ta' Lazaro Pisani.

**Dun Filippu Borgia Malti J U D (1567-1649)**



Protonotarju Apostoliku bniedem tant magħruf għall-għerf u prudenza Pro-Inkwiżitur għal aktar minn darba mexxa t-tribunal tad-Duttrina tal-Fidi u Vigarju Generali tad-Djoċesi

Maltija, irrinunzja għad-dinjita' ta' Dekan tal-Kapitlu Metropolitan biex jibqa' Prepostu u Vigarju Perpetwu ta' din l-Insinji Kolleġġjata maħbub minn kulħadd ħerqan biex imexxi 'l quddiem il-Kult Divin minn flusu ddota din l-insinji u antika Kolleġġjata tal-Kanonċi mogħnija bi privileġġi kbar b'digriet papali tal-5 ta' Diċembru 1630

Miet fit-8 ta' Ottubru 1649 fl-eta' ta' 82 sena

## Pierin Borg (1708-1788)



Kanonku Dekan tal-Kolleġġjata Elenjana Irsista biex jiżdiedu l-prebendi ta' Kanonċi u żejjen b'żewġ Dinjitajiet kif ukoll offra d-dota ta' patrimonju sagru għall-kleru kif ukoll żewġ kappillani tal-kor u ħalla b'testment legati taż-żwieġ għal tfajliet Maltin radd ħajr 'l Alla fl-eta' ta' 80 sena imżejjen b'tant ħidma fis-sena 1788

## Ġwann Battista Borg (1888-1928)



*Pittura: Kav. E. Caruana Dingli*

Kanonku tal-Kolleġġjata li nħatar Dekan waqt li kien għadu ħaj żejjen dan it-tempju għażiż il-kanonċi b'ferħ u rikonoxxenza għal tant ġenerożita' ħadu ħsieb li tiddendel din ix-xbiha tiegħu fis-sena 1928

## Mikiel Gonzi (1885 -1984)



*Pittura: Willie Apap*

Arċisqof Metropolita tal-Provinċja Maltija bl-intervent tiegħu il-Papa Piju XII għolla din il-Knisja Kolleġġjata għad-dinjita' ta' Bażilka Minuri fost il-ferħ tal-poplu kollu il-Kulleġġ tal-Kanonċl Elenjani b'radd ta' ħajr u rikonoxxenza irsista li titpoġġa din ix-xbiha fis-sena 1950

## Alfons Borg (1862-1925)

Kanonku tal-Kolleġġjata Duttur fi-Teoloġija maħtur Prepostu kif ukoll eżaminatur tal-qassisin qabel jingħataw is-setgħa li jisimgħu il-Qrar aktar tard. Membru fis-Senat tad-Djoċesi. Miet ħesrem fit-18 ta' Jannar 1925 fl-eta' ta' 63 sena ried



*Pittura: Ġużeppi Briffa*

li jindifen f'dan it-tempju li fih ħalla legat ta 300 lira sterlina biex isir quddies fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru b'suffraġju tal-parruċċani fqar tiegħu

## Giovanni Bologna 1873-1939

Qassis maħtur Rettur tal-Knisja ta' l-Erwieħ fil-belt Valletta kif ukoll għalliem b'inpenn kbir tad-duttrina nisranija lit-tfal bniet fil-Knisja ta' San Rokku Valletta presbiteru ta' drawwiet mill-itjeb maħtur Kanonku onoraju tal-Kapitlu Elenjan bi flusu żejjen bis-sewwa dan it-tempju b'opri mill-isbaħ



*Pittura: Kav. E. Caruana Dingli*

**Emanwel Vella (1900-1978)**

Bl.Can, Ph. D. Kapp. Konventwali



*Pittura: Willie Apap*

u SMOM Prelat Domestiku u Protonotarju Apostoliku Kanonku u Prepostu tal-Kapitlu Elenjan 1936-1962 maħtur Dekan u aktar tard Arċidjaknu tal-Kapitlu Metropolitan minn flusu irsista biex it-tempju elenjan ikun dekorat u mirqum ta sehmu bis-sħiħ biex it-tempju elenjan ikun mirqum u biex ikunu bla mittiefsa il-jeddijiet u privileġġI tal-Kapitlu fil-qasam tal-ħidma sfiqa pastorali fost l-erwieħ afdati fil-kura għaqlija tiegħu ħadem biex imexxi 'l quddiem l-Azzjoni Kattolika

**Gejtanu Pace Forno (1857-1876)**

Arċisqof ta' Rodi u Isqof mill-Ordni Agostinjan Majjistru tat-Teoloġija minħabba l-merti kbar tiegħu maħtur biex imexxi d-Dijoċesi Maltija b'mod ġust għerf



u bil-ħlewwa kollha fit-tmexxija diġa' magħruf u jibqa' bl-intervent tiegħu ingħata mill-Papa Piju IX permezz ta' Breve datat 10 ta' Mejju 1859 lil dan il-Kulleġġ antik u rrispettat id-Dinjita' tad-Dekan mogħtija lill-Kanonku aktar anzjan kif ukoll is-Salib Pettorali tad-deheb b'rikonoxxenza għall-ħidma tiegħu sa mill-qedem bl-approvazzjoni ta' kulħadd lil benefattur hekk kbir tpoġġiet din ix-xbiha fl-14 ta' Frar 1862.

**Anton Marija Buhagiar (1845-1891)**



Isqof ta' Ruspe u Amministratur Apostoliku li bl-intervent tiegħu Is-salib tad-deheb mogħti mill-papa Piju IX lill-Kolleġġjata Elenjana lill-Kulleġġ tal-Kanonċi fid-9 ta' Diċembru 1861 il-Papa Ljun XIII ta' bi privileġġ li jiddendel b'lazz tad-deheb 9 ta' Awissu 1885

Dun **Gużepp Zammit (Brighella)**



Qassis Malti Duttur fil-Liġi Kanonika u Civili minn tfulitu sax-xjuħija ħadem biex jikseb ġieħ ta' poeta ta' ġieħ fl-ilsien Latin u Taljan kiteb skrizzjonijiet u poeżiji tant magħrufa fost l-intellettwali tħabbeb ma' bosta għorrief fil-parroċċa mogħti mitt lira sterlina mit-Teżor kellu rispett kbir lejn il-kapitlu kleru u poplu rrigala dan ir-ritratt biex jitwaħħal fis-sagristija miet 16 Marzu 1890 fl-eta' ta' 87 sena 8 xhur u 23 jum fdalijiet tpoġġew ġo l-ossarju f'nofs il-kor riservat għall-kleru u kanonċi